Nru. 17,475
Prezz 8ċ
Price 8c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 22 ta' Settembru, 2003
Monday, 22nd September, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2003 NRU. XI ANNO DOMINI 2003 NO. XI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fil-21 ta' Settembru, 2003, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed ħawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 21 ta' Settembru, 2003.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 21st day of September, 2003, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 21st day of September, 2003.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 858

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 91 (1) u bl-artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Assistent Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-14 sat-18 ta' Settembru 2003, u l-ħatra ta' Dott. Silvio Camilleri, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mill-24 sas-27 ta' Settembru 2003, id-dati kollha inklużi.

It-22 ta' Settembru, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 858

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by section 91 (1) and by section 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Assistant Attorney General, to act as Attorney General from the 14th to the 18th September 2003, and the appointment of Dr Silvio Camilleri, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from the 24th to the 27th September 2003, all the indicated days inclusive.

22nd September, 2003

Nru. 859

L-ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI (KAP. 345)

Kumitat dwar l-Elenku

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, l-Awtorità dwar l-Elenku ħatret lis-Sur Albert Attard biex ikun membru tal-Kumitat dwar l-Elenku b'seħħ mis-16 ta' Awissu, 2003.

It-22 ta' Settembru, 2003

No. 859

FINANCIAL MARKETS ACT (CAP. 345)

Listing Committee

IT is notified for general information that, in exercise of the powers conferred by article 14 of the Financial Markets Act, the Listing Authority has appointed Mr Albert Attard to be a member of the Listing Committee with effect from 16th August, 2003.

22nd September, 2003

Nru. 860

ID-DIRETTUR ĠENERALI SAĦĦA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

DOTT. RAY Busuttil, Direttur Ġenerali Saħħa, reġa' daħal għal dmirijietu nhar l-14 ta' Settembru, 2003, u l-arranġamenti li hemm riferenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 797 (l-ewwel parti) tat-2 ta' Settembru, 2003, huma b'din imħassrin.

It-22 ta' Settembru, 2003

No. 860

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL HEALTH

DR RAY Busuttil, Director General Health, resumed duties on 14th September, 2003, and the arrangements referred to in Government Notice No. 797 (first part) of 2nd September, 2003, are hereby cancelled.

22nd September, 2003

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Rabat (M), huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

BORG NAZARENO

BONDIN MICHAEL

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sinjorina Amanda Maria Ciappara, għal-Lokalità ta' Rabat (M), skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar it-Tlieta, it-23 ta' Settembru, 2003, f'nofsinhar fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-22 ta' Settembru, 2003

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule, for the casual election of a Councillor for the Locality of Rabat (M), are the following, that is:

Nominated Candidates

BORG NAZARENO

BONDIN MICHAEL

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Ms Amanda Maria Ciappara, for the Locality of Rabat (M), in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, on Tuesday, 22nd September, 2003 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta.

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

22nd September, 2003

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Trade Mark Registrations

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*